# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 992/08JRM**

Josephine **MANĠION**

vs

Carmelo **PAĊE** u Shannel Paċe

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-2 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbet li din l-Onorabbli Qorti (a) ssib li hija għandha jedd għal ħlas ta' serviġi minnha resi lil neputiha Clayton Paċe u għal spejjeż oħra minnha minfuqa fuq ordni tiegħu, u għalhekk tikkonferma definittivament il-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 205/2009; (b) tillikwida l-ammont ta' kumpens għal serviġi dovut lilha; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha s-somma likwidata. Talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tar-rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 205/3009 tat-18 ta' Frar, 2009;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2008[1], li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2009[2], li bih laqgħet it-talba attriċi sabiex issir korrezzjoni fir-Rikors Ġuramentat dwar it-talba għall-ispejjeż;

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-24 ta' April, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament qalu li (a) l-ewwel talba attriċi ma tiswiex għaliex il-Mandat ta' Inibizzjoni kontemplat bil-liġi Maltija huwa biss wieħed kawtelatorju u ma tistax tintalab il-konferma tiegħu għal dejjem kif trid l-ewwel talba; (b) l-intimati għadhom ma ġewx dikjarati bħala eredi tal-mejjet Clayton Paċe u għaldaqstant l-imħarrek mhux il-leġittimu kontradittur; u (ċ) l-pretensjonijiet attriċi huma preskritti bil-mogħdija ta' ħames snin skont l-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi u jgħidu li (a) kwalunkwe spejjeż li setgħu saru mill-attriċi ma kinux maħsuba li jitħallsu lura; (b) kwalunkwe għajnuna li setgħet ingħatat mill-attriċi ma ngħatatx bil-għan li titħallas tagħha; (ċ) li Clayton Paċe għamel żmien jgħix mal-imħarrek jew waħdu; (d) bosta mill-ispejjeż tħallsu mill-imħarrek innifsu, mill-Gvern jew mill-*Community Chest Fund*; (e) uħud mill-ispejjeż saru għaliex riedet l-attriċi u mhux għaliex kienu meħtieġa; (f) ebda spejjeż ma saru fuq ordni ta' Clayton Paċe. Itemmu billi jiċħdu li kienet l-attriċi li ħadet ħsieb lil Clayton Paċe, u jgħidu li meta wliedu ma kinux jgħixu miegħu, l-imħarrek kien saħansitra joħorġihom il-manteniment minn butu;

Rat in-Nota ta' Ammissjoni tal-imħarrka Shannel Paċe tat-23 ta' Settembru, 2009[3];

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar, 2010[4], li biha l-imħarrka rratifikat in-Nota ta' Ammissjoni tagħha u għarfet il-firma tagħha fuqha, filwaqt li l-imħarrek irtira t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa minnu fit-Tweġiba Maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2010, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi mressqa mill-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

[1] Paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 8 tal-proċess
[3] Paġ. 15 tal-proċess
[4] Paġ. 19 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2012[5], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-3 ta' Diċembru, 2012[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Carmelo Paċe fil-31 ta' Jannar, 2013[7], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-kawża u ħadet qies ukoll tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 205/09;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal ħlas ta' serviġi u kif ukoll għar-rifużjoni ta' nefqiet magħmula ma' u għall-ħtiġijiet ta' persuna. L-attriċi tgħid li għamlet numru ta' snin iddur bin-neputi tagħha, Clayton Paċe, kemm hawn Malta u kif ukoll fi sptarijiet barra minn Malta, fiż-żmien li matulu dam marid sakemm ġie nieqes. Billi l-imħarrkin – missier u oħt rispettivament tal-imsemmi Clayton Paċe – wirtuh, l-attriċi qiegħda tfittixhom biex jikkumpensawha ta' kemm daret bih bla ma tħallset għal dak kollu li għamlet miegħu u tal-infieq li kellha tagħmel għal dan il-għan, minkejja l-wegħda li saritilha minn Clayton innifsu li kien ser jikkumpensaha;

Illi l-imħarrka Shannel Paċe ammettiet it-talbiet attriċi, imma missierha l-imħarrek l-ieħor baqa' jiċħad li l-attriċi jistħoqqilha xi kumpens jew rifużjoni ta' xi nefqiet li għamlet. Jgħid li dak li għamlet ma' neputiha għamlitu minn jeddha u mhux għaliex ġiet mitluba tagħmlu jew bil-fehma li jsir il-ħlas għalih. Qal ukoll li kien hemm żmien fejn Clayton kien jgħix miegħu jew kien jgħix waħdu u għaldaqstant l-attriċi ma rrendiet ebda serviġi tul dak iż-żmien. Ukoll fiż-żmien li ibnu għamel xi żmien jgħix ma' nanntu l-attriċi, l-imħarrek kien iħallas il-manteniment tiegħu. Dwar l-infieq, l-imħarrek jisħaq li bosta mill-ispejjeż ta' Clayton tħallsu minnu jew mill-Gvern jew mill-*Community Chest Fund*. Qal ukoll li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex laħaq għadda ż-żmien li fih messha tressqet;

[5] Paġ. 253 tal-proċess
[6] Paġġ. 255 – 8 tal-proċess
[7] Paġġ. 261 sa 272 tal-proċess

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attriċi hija omm il-mara tal-imħarrek, Carmelo Paċe, u nanna tal-imħarrka Shannel (f'atti oħrajn isimha nkiteb bħala "Chanel") Paċe u tal-mejjet Clayton Paċe. Bint l-attriċi, Bridgette Paċe, kienet legalment mifruda minn żewġha (u mietet fi żmien qabel bdiet din il-kawża), u kemm Clayton kif ukoll Shannel għamlu żmien jgħixu ma' nannithom l-attriċi[8], għalkemm għexu għal xi żmien ukoll ma' missierhom[9]. Jirriżulta wkoll li Clayton Paċe kellu appartament tiegħu f'numru tlieta (3), "*Sunrise Flats*", Triq it-Tunnaġġ, il-Mellieħa[10], u kien għamel żmien jgħix hemmhekk għal rasu[11];

Illi fis-sentenza li tat il-firda personali lill-imħarrek u martu fuq is-saħħa ta' ftehim li l-istess miżżewġin kienu laħqu[12], din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li "l-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija jkunu waħda konġuntiva pero illi l-kura tkun fdata f'isejn in-nanna materna, bid-dritt ta' aċċess liberu favur iż-żewġ partijiet";

Illi Clayton twieled f'Jannar tal-1986, u ta' għoxrin sena ntlaqat minn marda serja u, wara kura li ngħata f'Malta, ġie riferut mit-tobba speċjalisti Maltin sabiex jitla' għall-kura l-Ingilterra[13]. Fil-fatt dam seba' xhur l-Ingilterra, u miegħu telgħet l-attriċi u, ftit wara, missieru[14]. Fin-nuqqas tal-attriċi, kienet preżenti oħtu Shannel[15], u telgħu wkoll xi qraba oħra u ħbieb tal-familja fi żminijiet differenti[16];

Illi l-attriċi tgħid li għal kulma Clayton kien jeħtieġ, kienet tagħmel tajjeb hi[17]. Il-qraba tal-attriċi jgħidu li fejn ma wasletx hi bi flusha, isselfet mingħandhom u għad fadlilha d-dejn magħhom[18];

Illi l-imħarrek jiċħad dan kollu u jgħid li hu dejjem kien hemm għal kulma kien jeħtieġ ibnu. Iżid jgħid li l-kura fl-Ingilterra u ż-żmien li Clayton dam jgħix hemm kien imħallas mill-Gvern Malti jew mill-*Community Chest Fund*, u jekk l-attriċi nefqet flejjes fuq Clayton, għamlitu għaliex riedet hi u mhux għaliex kien hemm il-ħtieġa jew għaliex intalbet minn Clayton biex tagħmlu[19]. Jgħid ukoll li l-oġġetti kollha li kienu jinsabu fil-fond ta' Clayton tneħħew minn ġo fih u l-attriċi waħedha kellha ċ-ċavetta tal-fond[20];

[8] Ara l-affidavit ta' Shannel Paċe f'paġ. 25 tal-proċess
[9] Ara l-affidavit ta' Fiona Manġion f'paġ. 26 tal-proċess
[10] *Ibid.*
[11] Ara x-xhieda ta' Josephine Paċe f'paġ. 227 tal-proċess
[12] P.A. 172/96NA mogħtija fit-23.4.1997
[13] Ara x-xhieda ta' Profs. Stephen Brincat f'paġ. 97 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 53 tal-proċess
[15] Ara l-affidavit ta' Shannel Paċe f'paġ. 25 tal-proċess
[16] Ara l-affidavit ta' Agnes Dimech f'paġ. 33 tal-proċess, ta' Josephine Pace f'paġ. 225 tal-proċess u ta' Mohammed Hana Dwah f'paġ. 179 tal-proċess
[17] Ara dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi f'paġ. 1 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-attriċi f'paġ. 30 tal-proċess u l-prospett maħluf tan-nefqiet li daħlet għalihom f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess
[18] Ara l-affidavit ta' Fiona Manġion f'paġ. 26 tal-proċess.
[19] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġġ. 75 – 9 tal-proċess
[20] Ara l-affidavit ulterjuri tal-imħarrek f'paġ. 155 tal-proċess

Illi jirriżulta li Clayton ma kienx ikun il-ħin kollu ġewwa l-isptar l-Ingilterra, u meta kien joħroġ mill-isptar, kien imur joqgħod mal-attriċi għand is-sorijiet f'Victoria (Londra)[21];

Illi jirriżulta wkoll li l-*Community Chest Fund* radd lura lill-attriċi xi flejjes li kienet ħarġet, iżda ma ngħata ebda benefiċċju lil Clayton innifsu sakemm dam ħaj[22];

Illi l-attriċi u l-imħarrka siefru ma' Clayton l-Ekwador bil-ħsieb li jingħata terapija f'dak il-pajjiż. In-nefqa marbuta ma' dik is-safra u l-kura meħtieġa ġewwa l-Ekwador tħallsu f'biċċa minnhom minn oħt l-attriċi, Fiona Manġion[23]. L-imħarrka kienet għamlet appell lill-pubbliku sabiex jagħti l-għajnuna, u nġabret somma għal dan il-għan li tqiegħdet f'kont bankarju[24]. Jirriżulta li l-esperti mediċi hawn Malta kienu kontra li Clayton isiefer u jingħata kura fl-Ekwador[25]. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, ressaq dokumenti li jpoġġu fid-dubju l-ħila tat-tabib li ħa ħsieb lil Clayton kemm dam fl-Ekwador[26];

Illi fis-27 ta' Lulju, 2008, Clayton miet ġewwa Quito, fl-Ekwador. Huwa miet mingħajr testment u l-eredi tiegħu bil-liġi huma l-imħarrkin;

Illi l-imħarrka Shannel Paċe[27], iddikjarat li ma tridx ikollha x'taqsam mal-ġlied li hemm bejn nannitha u missierha. Tgħid li Clayton kien stqarr magħha li f'każ li jiġi nieqes u jkun hemm min għandu jitħallas, il-ħlas isir mill-bejgħ tal-fond li kellu fuq ismu fil-Mellieħa[28]. Tgħid ukoll li nannitha għamlet li għamlet ma' Clayton bil-ħsieb li tipprova ssalvalu ħajtu mill-marda li ħakmitu;

Illi fit-2 ta' Ottubru, 2008, l-attriċi fetħet din il-kawża. Fi Frar tal-2009[29], hija talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek Carmelo Paċe, biex iżżommu milli b'xi mod ibigħ jew jeħles mill-fond li wiret mingħand ibnu jew xi sehem minnu, u dan b'kawtela għall-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża. F'dak il-Mandat, il-pretensjoni tal-attriċi kienet għas-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) "kalkolati bħala spejjeż minfuqa tul perjodu ta' żmien għal Clayton Paċe". Il-Qorti laqgħet it-talba tagħha b'digriet tat-18 ta' Frar, 2009;

---

[21] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 239 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "CP1" f'paġ. 173 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Darleen Zerafa f'paġ. 100 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "DZ" f'paġġ. 93-95 u Dok. "DZ1" f'paġġ. 103-154 tal-proċess
[23] Ara l-affidavit ta' Fiona Mangion f'paġ. 26 tal-proċess
[24] Ara Dok. "CP10" f'paġ. 161 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AG" f'paġġ. 181-183 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' Profs. Stephen Brincat f'paġ. 98 tal-proċess
[26] Ara Dok. "3" f'paġġ. 83-88 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Shannel Paċe f'paġġ. 247- 249 tal-proċess, u l-affidavit tagħha stess f'paġ. 25 tal-proċess
[28] Ara f'dan is-sens ukoll l-affidavit ta' Fiona Mangion f'paġ. 26 tal-proċess
[29] Rik. 205/09JA

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali, il-Qorti, qabel kull ħaġa oħra, tqis l-isfond li fiha tressqet din l-azzjoni: dik li l-attriċi, f'qasir żmien, ġarrbet it-telfa ta' bintha imbagħad ta' iben bintha. Filwaqt li l-attriċi ma setgħet tagħmel xejn biex tevita l-ewwel telfa, fil-każ ta' neputiha ttantat tagħmel minn kollox biex issalvalu ħajtu bil-kura li seta' jingħata. F'dan kollu, l-attriċi daħlet f'nefqiet mhux żgħar u magħha wkoll kienu ngħaqdu qraba oħrajn tagħha, għalkemm dawn l-isforzi ma wasslux għal tmiem pożittiv. Min-naħa l-oħra, joħroġ fid-dieher antagoniżmu bejn l-attriċi u l-imħarrek li ġejja mill-fatt li ż-żwieġ bejn bint l-attriċi u l-imħarrek ma kienx irnexxa. F'ċirkostanzi bħal dawn, kif mistenni, ix-xhieda mogħtija mill-partijiet tirriżulta bħala waħda konfliġġenti;

Illi, kif ingħad, l-azzjoni attriċi tinbena fuq żewġ kawżali ewlenin – l-azzjoni għall-kumpens ta' serviġi, u dik dwar ir-rifużjoni ta' nefqiet inkorsi għall-ġid ta' ħaddieħor. Għalkemm, wieħed jista' jgħid li ż-żewġ kawżali għandhom għeruqhom fl-istess għajn tad-dritt – il-kważi-kuntratt[30] – il-Qorti sejra tqishom għal rashom u tibda bil-pretensjoni tal-attriċi għall-għarfien li wettqet serviġi u li jistħoqqilha l-kumpens għal dak li għamlet;

Illi safejn l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-**pretensjonijiet li hija tat serviġi**, jibda biex jingħad li huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[31]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[32] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[33];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta` għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[34];

---

[30] Art. 1012 tal-Kap 16

[31] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)

[32] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

[33] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)

[34] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***

Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward, illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, ukoll jekk mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[35];

Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha[36]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, waħda mill-eċċezzjonijiet imqajmin (il-ħames eċċezzjoni) mill-imħarrek hija sewwasew li l-attriċi ma kellha qatt il-ħsieb li kellha titħallas ta' xogħolha u għalhekk, tonqos il-kawżali meħtieġa għall-kumpens għas-serviġi mogħtija;

Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita` tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[37];

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi tat is-servizzi lil bin l-imħarrek. Dan huwa każ fejn ix-xhieda mressqa tikkonsisti l-aktar f'dik tal-partijiet u xi qraba immedjati tagħhom. Ma jistax jonqos li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fiha ngħatat dik ix-xhieda u dwar dak li l-Qorti semmiet aktar qabel dwar ir-retroxena fi ħdan il-familja tal-attriċi, toħroġ stampa ta' verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin bejn dak li tgħid l-attriċi u x-xhieda mressqin minnha u dak li jgħidu x-xhieda mressqa mill-imħarrek. Ingħad f'każ bħal dan li "*l-konflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant*"[38]. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għal kollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li "*onus probanti*

[35] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***

[36] P.A. JSP **29.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Farruġia et vs Anthony Camilleri et*** (mhix pubblikata)
[37] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***
[38] P.A. MCC **24.11.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Rokku Farruġia*** (mhix pubblikata)

*incumbit ei qui dicit non ei qui negat*"[39]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ li l-attriċi kienet ilha tassisti lin-neputijiet tagħha sa minn meta kellhom eta` żgħira u dan, kif rajna, minħabba li kienet bis-saħħa ta' sentenza ta' firda personali mogħtija minn qorti li l-attriċi ngħatat il-kura effettiva taż-żewġ neputijiet tagħha. Minn kummenti li ressaq l-imħarrek, jidher li meta ġiet nieqsa martu (bint l-attriċi), l-attriċi ppruvat tkun għalihom omm ukoll[40]. Dan l-attriċi ma tmeriehx għaliex hi stess tirreferi għal Clayton bħala binha[41]. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li Clayton ittanta jgħix ħajja indipendenti minn missieru u nanntu, tant li xtara fond u għamel żmien jgħix waħdu. Imma l-marda li ħakmitu kellha effett qawwi fuq dak li seta' jew ma setax jagħmel aktar waħdu u dwar is-sehem li l-attriċi u missieru kellhom fuq il-ħajja tiegħu, l-aktar tul ix-xhur twal li matulhom kien għaddej mit-terapija maħsuba biex trażżan l-effetti tal-istess marda kiefra;

Illi mix-xhieda u dokumenti li tressqu fl-atti, ħareġ li l-attriċi nefqet flejjes kbar biex tiżgura li jsir kulma jista' għall-kura u l-fejqan ta' neputiha u li saħansitra wassalha biex isselfet mingħand qrabatha għaliex ma kinetx f'qagħda li tissellef mingħand bank. Fi kliem zitu (oħt l-attriċi), Clayton kien jaf b'dan l-infieq li kienet tagħmel nanntu l-attriċi, u saħansitra pprova jbigħ il-post fuq is-suq biex bid-dħul minnu jkun jista' jikkumpensa lil nanntu. Hija ssemmi b'ismu aġent li miegħu għamlet kuntatt b'dan il-ħsieb[42]. Minbarra dan, l-imħarrka, tistqarr li lejliet li miet, ħuha wrieha x-xewqa li l-post jinbiegħ u l-ispejjeż jitħallsu mid-dħul mill-bejgħ[43];

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li ħadd ma talab lill-attriċi biex tgħin lil ibnu u jisħaq li dak li għamlet miegħu għamlitu minn jeddha u għaliex riedet hi. Jgħid ukoll li huwa għen lil ibnu f'kulma kien hemm bżonn, u ma kien iħallih nieqes minn xejn[44];

Illi l-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda li ressqu l-partijiet u tasal għall-fehma li ma tistax toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrek. Filwaqt li jista' jkun minnu li l-attriċi tat sehemha aktar milli kien mistenni u ndaħlet f'deċiżjonijiet li kienu jispettaw lill-imħarrek, min-naħa l-oħra żgur ma jistax jiġi miċħud il-fatt li

[39] App.Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et***
[40] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 75 tal-proċess
[41] Ara l-affidavit tal-attriċi f'paġ. 30 tal-proċess
[42] Ara l-affidavit ta' Fiona Mangion f'paġ. 26 tal-proċess
[43] Ara l-affidavit ta' Chanel Paċe f'paġ. 25 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda li tat quddiem il-Qorti f'paġ. 248 tal-proċess
[44] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġġ. 75 – 9 tal-proċess

kienet lesta li tissallab biex ssalva l-ħajja tan-neputi u daret bih sal-aħħar. Dan joħroġ minn għadd ta' provi li tressqu, kemm bħala xhieda kif ukoll bħala dokumenti. Il-Qorti ma tistax twarrab lanqas ix-xhieda mogħtija mill-imħarrka[45] fil-kontro-eżami u l-istqarrija ta' x'qalilha ħuha fuq is-sodda tal-mewt. Hija fissret dik l-aħħar rieda ta' ħuha bħala li "*jixtieq li l-post jinbiegħ u jkun hemm xi ħadd irid jieħu l-flus joħodhom..*";

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-provi huma ta' grad tajjeb biżżejjed biex issib li l-ewwel talba attriċi, jiġifieri li l-attriċi tassew tat serviġi lil neputiha Clayton Paċe, hija mistħoqqa u li, minkejja l-qrubija, hija ma eskludietx li tingħata kumpens. Lanqas ma tqis li huwa tajjeb l-argument tal-imħarrek li ħadd ma qabbad lill-attriċi biex iddur b'ibnu jew li ndaħlet fejn ma jesagħhiex. Kif ingħad qabel, l-iżvilupp tal-ġurisprudenza fejn jidħlu talbiet għall-għarfien u kumpens għal serviġi mogħtija, l-aktar dawk bejn qraba, waslet biex aċċettat li wkoll fejn ir-raġuni li twassal lil persuna ddur b'qarib tkun waħda ta' ħniena, solidarjeta` u kompassjoni, l-għoti ta' kumpens huwa mistenni u mistħoqq;

Illi jrid jingħad ukoll li meta tinfetaħ azzjoni għall-għarfien ta' serviġi mwettqa għall-ġid ta' persuna li tkun ħallietna, l-azzjoni trid titressaq kontra l-werrieta kollha ta' dik il-persuna. F'dan il-każ, ladarba Clayton Paċe miet intestat, huma l-imħarrkin li wirtuh bis-saħħa tal-liġi. Kif ingħad, l-imħarrka Shannel Paċe stqarret it-talbiet attriċi, filwaqt li missierha nstab li jrid jagħmel tajjeb għas-serviġi magħmula mill-kunjata tiegħu l-attriċi;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' dik il-parti tal-ewwel talba attriċi fejn l-attriċi titlob l-għarfien li wettqet serviġi ma' neputiha u li jistħoqqilha tkun kumpensata ta' dan;

Illi qabel mal-Qorti tgħaddi biex tqis il-bqija tal-ewwel talba u t-talbiet l-oħrajn, jeħtieġ li tistħarreġ l-**eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin** (it-tielet eċċezzjoni preliminari) imressqa mill-imħarrek Carmelo Paċe. Is-siwi ta' din l-eċċezzjoni jolqot sewwa l-eżerċizzju tal-kejl tal-kumpens li jista' jkun dovut lill-attriċi;

Illi l-imħarrek isejjes din l-eċċezzjoni tiegħu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa l-artikolu tal-liġi li, sa minn ħafna żmien ilu, il-Qrati tagħna sabu li jistabilixxi ż-żmien preskrittiv għal talbiet dwar ħlas ta' serviġi mwettqa[46];

---

[45] Paġ. 248 tal-proċess

[46] App. Ċiv. **23.1.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLII.i.66**); App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**) u P.A. JSP **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla*** (mhix pubblikata) fost l-oħrajn

Illi f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi, ir-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin[47]. Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien[48]. Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna mgħejjuna[49]). Madankollu wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħti lil dak li jkun;

Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[50]. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[51], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu[52];

Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk, qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel[53]. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm[54]. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha[55];

Illi mix-xhieda li tressqet quddiemha, filwaqt li l-imħarrka, Shannel Paċe tammetti li l-attriċi jistħoqqilha titħallas, minn dak li għadu kemm intqal, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-imħarrek għandha titqies tajba f'dan ir-rigward u dwar it-talba attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens għas-serviġi

---

[47] App. Ċiv. **4.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.285**)
[48] Art. 2151(1) tal-Kap 16
[49] Ara, b'eżempju, P.A. **22.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Sacco et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.342**)
[50] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)
[51] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[52] Ara P.A. LFS **17.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et*** (mhix appellata)
[53] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[54] Maġ (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanna Ħili vs Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)
[55] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġeorge Sciberras et vs Josephine mart Leonard Spiteri et***

mogħtija lil Clayton, għandu jittieħed qies biss taż-żmien ta' ħames snin qabel ma dan ġie nieqes. Minħabba li Clayton miet f'Lulju tal-2008, il-kejl irid ikun taż-żmien bejn Ġunju 2003 u Lulju 2008. Mix-xhieda jirriżulta li Clayton marad meta kellu għoxrin sena, jiġifieri fis-sena 2006. Qabel dak iż-żmien kien jgħix jew ma' missieru jew waħdu u sar maġġorenni f'Jannar tal-2004. Ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-attriċi li s-serviġi li hija tippretendi kumpens dwarhom kienu jingħataw qabel feġġet il-marda;

Illi, għalhekk u f'kull każ, minkejja li l-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek hija f'waqtha, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma taffettwax il-pretensjoni tal-attriċi dwar is-serviġi, ladarba dik il-pretensjoni tmur lura għal medda ta' żmien li hija anqas minn ħames snin qabel ma s-serviġi ma baqgħux jingħataw aktar (minħabba l-mewt ta' Clayton) u billi l-azzjoni tagħha tressqet fi żmien xieraq matul dawk il-ħames snin;

Illi għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li huwa mis-sena 2006 li l-attriċi għandha dritt tiġi kumpensata għas-serviġi li tat lil neputiha, jiġifieri fuq medda ta' mija u tmien (108) ġimgħat;

Illi għalkemm l-istess eċċezzjoni tressqet ukoll dwar il-parti tal-ewwel talba attriċi li titkellem dwar ir-rifużjoni ta' nefqiet li l-attriċi tgħid li għamlet u li kellha tagħmel matul il-marda ta' Clayton, l-imħarrek ma ressaq l-ebda sottomissjoni (għaliex rabat il-kummenti tiegħu biss mal-pretensjoni tas-serviġi). F'kull każ, il-Qorti ssib li, dwar il-pretensjoni tal-attriċi li titħallas lura n-nefqiet li għamlet, hemm ċirkostanza partikolari li l-Qorti jidhrilha li hija ta' rilevanza legali;

Illi l-Qorti taqbel mal-imħarrek li l-preskrizzjoni tal-ħames snin tgħodd ukoll għal dak li jirrigwarda t-talba attriċi għar-rifużjoni. Madankollu, bl-ammissjoni tagħha, Shannel Paċe jidher li rrinunzjat għal dak iż-żmien preskrittiv, billi ammettiet it-talbiet attriċi kollha bla kundizzjoni[56]. Tressqet xhieda wkoll li ta' min joqgħod fuqha li, qabel ma miet, Clayton kien għaraf l-ispejjeż li l-attriċi daħlet għalihom u beda jmexxi biex isib il-bejgħ tal-appartament tiegħu fil-Mellieħa bil-għan li d-dejn tiegħu ma' nanntu jinqata' mid-dħul tal-istess bejgħ. Tressqet xhieda wkoll fis-sens li, fuq is-sodda tal-mewt, Clayton innifsu stqarr ma' oħtu li kellu dejn ma' nanntu u oħrajn u li dan kien jixraqlu jitħallas lura[57];

Illi l-għarfien tad-dejn min-naħa tad-debitur iġib miegħu l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni[58]. Iżda, waqt li l-għarfien jew xi ħlas magħmulin **waqt** li

[56] Art. 2133 tal-Kap 16
[57] Affidavit ta' Chanel Paċe f'paġ. 25 tal-proċess
[58] Art. 2134 tal-Kap 16

l-preskrizzjoni tkun għadha miexja, jikser iż-żmien preskrittiv[59], dak l-għarfien jew ħlas **wara** li jkun għalaq l-istess żmien ifisser rinunzja. Ma jistax ikun hemm ksur ta' żmien preskrittiv wara li jkun għalaq, imma biss rinunzja min-naħa tad-debitur[60]. Minbarra dan, ir-rinunzja għall-preskrizzjoni titlob li min jallegaha jippruvaha kif imiss u, bħal f'kull każ ieħor ta' rinunzja ta' jedd, dik il-prova trid tkun waħda tajba u ċerta[61]. Għaliex, daqs kemm fir-rigward ta' ħwejjeġ li jolqtu l-preskrizzjoni dawn imisshom jingħataw tifsira dejqa, hekk ukoll jingħad li għandu jkun fejn xiħadd jallega l-ksur tal-preskrizzjoni[62] jew ir-rinunzja tagħha[63]. Minbarra dan, il-prova ta' tali rinunzja trid tkun waħda mhux ekwivoka[64] jew imsejsa fuq kliem jew espressjonijiet vagi[65];

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li n-nefqiet li l-attriċi tistenna l-ħlas lura tagħhom jirrigwardaw l-istess żmien li matulu hija kienet qiegħda tagħti s-serviġi lil neputiha;

Illi għar-raġunijiet li ssemmew qabel, din il-Qorti tasal għall-fehma li, fejn tidħol il-pretensjoni attriċi fl-ewwel talba tagħha dwar il-ħlas lura tal-ispejjeż minfuqa matul il-marda ta' Clayton, tressqu provi aktar minn biżżejjed biex juru li kien hemm rinunzja għal kull żmien preskrittiv li seta' laħaq mexa kontra l-attriċi. L-istqarrija magħmula mill-imħarrka Shannel Paċe matul il-kawża torbot lilha, filwaqt li l-istqarrija ta' Clayton torbot lil missieru, l-imħarrek Carmelo Paċe, bħala werriet tiegħu;

Illi għalhekk, f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek m'hijiex mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tal-kumpens** dovut lill-attriċi, il-Qorti se tqis ukoll iż-żewġ kawżali fuq identifikati, iżda se torbothom flimkien f'eżerċizzju wieħed;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>likwidazzjoni tas-serviġi</u> mwettqa, l-attriċi tgħid li hija ma għamlet l-ebda kalkolu dwar is-servizz personali u li l-kwestjoni tas-serviġi hija mħollija f'idejn il-Qorti "u għal l-*arbitrio boni viri*"[66];

Illi xieraq jingħad li fost il-kriterji magħrufa[67] li jmisshom jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut għal serviġi, wieħed isib (i) il-

---

[59] App. Ċiv. **25.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Maurice Captur vs Salvatore Spiteri***
[60] App. Ċiv.**22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Grech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.695**)
[61] App. Ċiv. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Paċe vs Fred Fenech***
[62] App. Ċiv. **22.11.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Ċilia et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.409**)
[63] App. Ċiv. 4**.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.258**) u P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)
[64] App. Ċiv. **30.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.133**)
[65] App. Ċiv. **1.7.1939** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina et vs Formosa*** (Kollez. Vol: **XXX.i.989**); P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[66] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 258 tal-proċess
[67] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex ingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi, il-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija;

Illi dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-attriċi, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta' impenn qawwi. Skont ix-xhieda, l-attriċi kienet dedikata wara Clayton u, meta l-marda daħlet aktar 'il ġewwa, l-isforzi tagħha kienu jitolbu użu ta' ħin 'il bogħod mid-dar u mill-pajjiż, u saħansitra sagrifiċċju ta' rabta bejn is-sejħat tal-familja tagħha u l-ħtiġijiet ta' Clayton. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li tul is-seba' xhur li l-attriċi damet ħdejn Clayton l-Ingilterra, niżlet tara lill-familja tagħha Malta għal ftit ġranet għadd ta' drabi. Minkejja li l-imħarrek jagħmel ħiltu kollha biex inaqqas is-siwi tal-impenn li l-attriċi wriet ma' ibnu, il-provi l-oħrajn (uħud minnhom imressqa mill-imħarrek innifsu) jwaqqgħu dan it-tentattiv. Il-fatt li l-imħarrek ukoll ta s-sehem tiegħu ma jfissirx li l-attriċi ma tat l-ebda sehem jew li l-isforzi tagħha kienu bla siwi;

Illi dwar il-mezzi tal-persuna mgħejjuna (Clayton), mill-provi ma jirriżultax xi dħul Clayton seta' kellu, l-anqas x-xogħol li kien jagħmel qabel ma ħakmitu l-marda. Il-Qorti iżda tqis li Clayton marad meta kellu biss għoxrin sena u għaldaqstant ma tqisx li seta' laħaq kellu xi mezzi kbar. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-fond ġewwa l-Mellieħa kien għadu bid-dejn meta Clayton ġie nieqes u d-dejn tħallas mill-assikurazzjoni li Clayton kien assikurat magħha;

Illi rigward il-kriterji jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija, ma hemmx wisq x'wieħed jgħid għaliex jirriżulta bl-aktar mod ċar li hekk kien il-każ fil-konfront ta' Clayton;

Illi meħud qies tal-għamla tas-serviġi mogħtija u tal-kriterji l-oħrajn li ssemmew aktar 'il fuq, il-Qorti jidhrilha li kumpens ta' €20 kuljum lill-attriċi jkun xieraq. Bi tħaddim tal-kejl fuq imsemmi, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi kumpens għas-serviġi mogħtija mill-attriċi u li jrid jitħallas lilha fir-rigward ta' Clayton Paċe fis-somma ta' ħmistax-il elf, mija u għoxrin ewro (€15,120)[68];

Illi fir-rigward jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, l-attriċi tgħid li nefqet madwar sebgħa u

[68] €20 x 7 x 108

għoxrin elf, tmienja u disgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€27,098.24)[69]. Hija ressqet prospett maħluf ta' dawn l-ispejjeż fis-sura ta' affidavit imkien ma' għadd ta' riċevuti. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li l-attriċi tħallset lura l-ammont ta' disa' mija ħamsa u sittin ewro (€965) mingħand il-*Community Chest Fund* marbuta ma' nfieq għall-biljetti tal-arju għaż-żjajjar tagħha fl-Ingilterra bejn is-sena 2007 u 2008;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek jopponi għal dawn l-ispejjeż billi jgħid li l-attriċi naqset li turi l-ħtieġa tagħhom kif ukoll il-fatt li wħud minnhom ma jagħtux lok għal rifużjoni skont il-liġi. Mis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tisħaq li l-pretensjoni tagħha għar-rifużjoni tan-nefqiet timxi mal-prinċipju li hija daħlet għalihom għaliex Clayton ma kienx f'qagħda ekonomika li joħroġhom hu. Hija tippretendi li, ladarba huwa ma laħaqx raddhomlha lura, id-dejn li kellu magħha jrid jagħmel tajjeb għalih il-wirt tiegħu fuq is-saħħa tar-regola li ħadd ma għandu jitħalla jistgħana bi ħsara għal ħaddieħor ("*nemini licet locupletari cum aliena jactura*");

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin. L-ewwel, uħud mill-ammonti mitluba mill-attriċi fl-affidavit imressaq minnha m'humiex imwieżna b'irċevuti jew imqar b'fatturi. Dan il-fatt iħasseb lill-Qorti għaliex, filwaqt li mill-atti jirriżulta li l-attriċi żammet għadd kbir ta' rċevuti marbuta ma' infieq f'ikel, bl-istess mod u ladarba kellha l-ħsieb li tiġi kumpensata għalihom mingħand Clayton kemm-il darba ħareġ mill-marda jew mingħand il-werrieta tiegħu f'każ ta' mewt, kien mistenni minnha li żżomm kopja tagħhom ukoll. Iżda dan mill-atti ma jirriżultax u l-Qorti mingħajr prova tal-infieq tagħhom ma tistax tqishom;

Illi, fit-tieni lok, rigward iż-żjara tal-attriċi fl-Ekwador, il-Qorti għandha quddiemha stqarrija mogħtija minn espert mediku Malti li ma kienx tal-fehma li l-attriċi ssiefer bi Clayton f'dak il-pajjiż għaliex f'dak il-waqt il-marda kienet aggravat daqshekk li ma kienx hemm xejn aktar x'wieħed jagħmel miegħu għajr li tingħatalu kura paljattiva. Mill-provi mressqa ħareġ li Clayton kien ingħata l-kura medika kollha li seta' jingħata f'Malta u fl-Ingilterra għal numru ta' xhur u li meta huwa ntbagħat lura Malta, il-marda kienet lil hinn mill-fejqan. Konfrontata b'din ix-xhieda, il-Qorti tagħraf li l-provi juru wkoll li kien Clayton innifsu li ħeġġeġ lil nanntu biex jipprova l-aħħar tama tal-"kura" fl-Ekwador u li fittex dwar iċ-ċentru mediku li twebbel bih, u l-mawra tagħha miegħu saret għaliex riedha hu u bil-konsegwenzi kollha li din ġabet magħha, mhux lanqas dwar l-arranġamenti li kellhom isiru f'dak il-pajjiż wara li miet hemmhekk u l-proċeduri li ttieħdu għall-kremazzjoni tal-kadavru tiegħu u kif kellu jinġab lura Malta;

[69] Dok "JM", f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hija disposta tilqa' n-nefqiet dokumentati magħmula mill-attriċi fiż-żjara tagħha fl-Ekwador fuq is-saħħa tal-istess raġunament li waslet għalih biex laqgħet l-ewwel fergħa tat-talba attriċi dwar l-għoti tas-serviġi, jiġifieri x-xhieda mogħtija mill-imħarrka, Shannel Paċe u minn oħt l-attriċi Fiona Mangion;

Illi mill-atti jirriżulta li ntefqu spejjeż fl-ammont ta' €12,493.86[70] u US$3,392.51[71] (ekwivalenti għal €2,141.14[72] bir-rata taż-żmien rilevanti), li jġibu total ta' erbatax-il elf, seba' mija, ħamsa u tletin ewro (€14,635), li dwarhom tressqet irċevuta jew prova dokumentali oħra tajba mill-attriċi. Ta' min jgħid li l-attriċi nnifisha xehdet li tnejn mill-irċevuti li ressqet bħala parti minn din il-pretensjoni kienu fil-fatt tħallsu minn ħaddieħor u mhux minnha, u għalhekk mhux se jitqiesu[73];

Illi, għalhekk, il-likwidazzjoni sħiħa għall-għanijiet **tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi** kemm fir-rigward tas-somma ta' kumpens mogħti għas-serviġi mwettqa u kif ukoll għar-rifużjoni tan-nefqiet magħmula titla' għal disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€29,755)[74]. L-attriċi ma ressqitx talba għall-imgħaxijiet fuq l-ammont likwidat;

Illi din is-somma likwidata trid titħallas mill-imħarrkin flimkien u *in solidum* bejniethom;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti qiegħda tindirizza l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** li tirreferi għal dik il-parti tal-ewwel talba attriċi li trid li din il-Qorti "tikkonferma definittivament il-mandat ta' inibizzjoni". B'dik l-eċċezzjoni, l-imħarrkin jgħidu li dik il-parti tal-ewwel talba attriċi ma tiswiex għaliex ma tistax issir talba lil xi qorti biex mandat kawtelatorju jingħata effett li ma jintemmx;

Illi l-Qorti tgħid bla tlaqliq li din l-eċċezzjoni hija tajba. Mandat ta' Inibizzjoni huwa wieħed kawtelatorju u s-saħħa u s-siwi tiegħu jservu biss biex iħarsu l-pretensjonijiet ta' min jitolbu sakemm jintemm il-proċess ġudizzjarju li b'ħarsien tiegħu jkun intalab. Bħala regola, mandat kawtelatorju jibqa' fis-seħħ biss sa ħmistax-il jum wara li kawża tgħaddi f'ġudikat jew sakemm ma jitħassarx għal xi raġuni minn qorti qabel dakinhar jew sakemm min ikun ħareġ dak il-Mandat ma jkunx irtirah[75]. Fejn il-liġi riedet li l-effetti ta' Mandat kawtelatorju jibqgħu fis-seħħ ukoll wara t-tmiem tal-kawża li dwarha jkunu nħarġu, dan qalitu u tgħid ukoll x'għandu jsir biex dan iseħħ bla ma joqgħod jinħareġ Mandat

[70] €535.76 + €11,671 + €287.10 kif jirriżultaw minn Dok "JM1" f'paġġ. 38, 41 u 47 tal-proċess
[71] $110 + $6,50 + $ 608.95 + $383.56 + $1,640 kif jirriżulta minn Dok "JM1", f'paġġ. 39, 40, 42, 43 u 44 tal-proċess
[72] https://www.macrotrends.net/2548/euro-dollar-exchange-rate-historical-chart
[73] Xhieda tagħha f'paġ. 54 tal-proċess
[74] €15,120 + € 14,635 = €29,755
[75] Art. 838B(1) tal-Kap 12

eżekuttiv[76]. Il-Mandat ta' Inibizzjoni m'huwiex wieħed mill-mandati kawtelatorji li għalih tgħodd dik il-proċedura;

Illi għalhekk, filwaqt li tilqa' din l-eċċezzjoni, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel talba safejn trid li l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub u miksub mill-attriċi kontra l-imħarrek Carmelo Paċe jingħata effett li ma jintemmx;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin, imma tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Għalhekk **tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-attriċi wettqet serviġi man-neputi tagħha Clayton Paċe u għandha jedd għall-ħlas tagħhom u kif ukoll tal-ispejjeż minnha minfuqin fuq talba jew fl-interess tal-istess Clayton Paċe, iżda **tiċħad** il-bqija ta' dik it-talba għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u **tillikwida** l-ammont dovut lill-attriċi kemm bħala serviġi u kemm bħala spejjeż minnha minfuqa fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija ħamsa u ħamsin euro (€29,755);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u **tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu lill-attriċi flimkien u solidalment bejniethom is-somma ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija ħamsa u ħamsin ewro (€29,755);

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu solidalment bejniethom **l-ispejjeż tal-kawża**, u tordna lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż marbuta mal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 205/2009.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Ottubru, 2022**

[76] Art. 838B(2) tal-Kap 12